



Brussell, 24 ta' Jannar 2025
(OR. en)

**5443/25
ADD 1**

Fajl Interistituzzjonal:
2023/0465(NLE)

**ATO 2
ENV 23
IND 13**

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Nru dok. Cion: ST 17087/23 +ADD1

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom
- Adozzjoni
= Stqarrija tal-Kunsill u l-Kummissjoni

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness stqarrija konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq.

Stqarrija tal-Kunsill/Kummissjoni

1. Ser jiġu adottati u ppubblikati Linji Gwida mill-Kummissjoni kif previst fl-Artikolu 42 tar-Regolament. Dawn ser jagħtu direzzjonijiet u gwida li ma jorbtux lill-operaturi bl-għan li titħaffef l-applikazzjoni tar-Regolament. Dawn il-Linji Gwida ser jinkludu fost oħrajn informazzjoni relatata mal-prinċipji u l-proċeduri ta' spezzjoni. Huwa mifhum li l-Linji Gwida mhux ser joħolqu drittijiet jew obbligi legali u li r-Regolament ser jibqa' l-istrument li jorbot u li jipprevali fi kwalunkwe każ ta' diverġenza bejn ir-Regolament u l-Linji Gwida.
2. Huwa mifhum li billi jsegwu l-Linji Gwida l-operaturi jkunu qed jiżguraw li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament indirizzati mil-Linji Gwida.
3. Il-Linji Gwida kif adottati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005, jiġifieri r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2005 (2006/40/Euratom) ser ikomplu jiggwidaw lill-operaturi dwar l-aspetti rilevanti inkluż wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (Euratom) Nru [xxx/yyyy]¹ sakemm jiġu adottati l-Linji Gwida aġġornati. Il-Linji Gwida aġġornati ser ikunu disponibbli qabel id-data ta' applikazzjoni tal-Annessi III sa VII u X.
4. Il-Kummissjoni ser issegwi l-iżviluppi fil-qasam tas-salvagwardji u timmonitorja l-applikazzjoni tar-Regolament. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tista' temenda l-Linji Gwida, skont kif ikun xieraq. Qabel tadotta emenda, il-Kummissjoni ser timpenja ruħha li tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati u lill-Istati Membri. Fl-adozzjoni ta' tali emendi, il-Kummissjoni ser tqis il-pożizzjonijiet espressi f'dawn il-konsultazzjonijiet.

¹ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament tal-Kummissjoni.

5. Huwa mifhum li l-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi, fkompożizzjoni xierqa, ser ikun il-forum għall-konsultazzjoni tal-Istati Membri.
 6. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li dispożizzjonijiet partikolari u aġġornati ta' salvagwardja għall-installazzjonijiet rilevanti huma importanti għall-implimentazzjoni tas-salvagwardji tal-Euratom. Meta jitqies li fħafna każjiet l-installazzjonijiet huma soġġetti wkoll għas-salvagwardji tal-IAEA, l-eżistenza ta' mudell ta' formola dwar il-faċilitajiet mal-IAEA hija element importanti għall-Kummissjoni biex tiddeċiedi dwar dispożizzjonijiet partikolari u aġġornati ta' salvagwardji għall-installazzjoni rispettiva.
 7. Il-Kummissjoni ser tkompli tikkomunika mal-IAEA bl-ġhan li jintlaħaq qbil dwar mudelli ta' formoli dwar il-faċilitajiet għall-installazzjonijiet kollha fil-Komunità li għalihom dan huwa rilevanti.
-